MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1913/2001/1

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Dicembru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Frar, 1981 u minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal Glenpaul ta' ghoxrin sena, Charlene ta' sbatax-il sena u Kurt ta' hmistax-il sena.

Illi f'dawn l-ahhar snin ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjorat sostanzjalment u dan minhabba ragunijiet legalment validi fosthom minacci,

eccessi, theddid, adulterju w inkompatibilita` ta' karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghall-procedura ta' separazzjoni personali.

Illi b'digriet ta' Qorti tas-Sekond' Awla l-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ta' tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar kemm ghall-attrici kif ukoll ghall-minuri u l-attrici giet fdata l-kura u l-kustodja tat-tfal u giet ukoll awtorizzata sabiex tissepara.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex taqta', tiddeciedi u tordna:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara wkoll illi l-attur huwa htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess **Kodici Civili** il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha, tkun hatja tal-firda.

3. Illi l-konvenut ghandu b'mod definittiv jigi obbligat illi jhallas manteniment lill-attrici u lill-minuri dan mhux biss minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

4. Illi takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri lill-attrici;

5 Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tas-6 ta’ Lulju 2001 fejn assenjat lill-attrici bhala Avukat ghall-Ghajnuna Legali lil Dr. Martin Fenech.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Mejju 2005.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-8 ta’ April 2002 fejn talbet li n-notifika ssir wara l-hinijiet legali u f’kaz ta’ riferta negattiva bil-procedura ta’ l-affissjoni.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika permezz tal-affissjoni ghall-5 ta’ Novembru 2002.

Rat in-nota tal-attrici **A** tal-11 ta’ Lulju 2002 fejn prezentat l-affidavit taghha stess datat 9 ta’ Lulju 2002. (fol 27).

Rat il-verbal tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Noel Bartolo ghall-konvenut prezenti ta' ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u bic-citazzjoni attrici, u ha kopja tal-affidavits attrici *seduta stante*. Inghata digriet affidavit tal-attrici ta’ 20 jum u tal-konvenut ta’ 40 jum. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lill-Dr. Ilona Blackman prezenti w ordnat lill-istess Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits attrici tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u wara t-terminu tal-affidavits tal-konvenut tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut, kollox fil-mori ta' dan id-differiment u wara dan il-Perit Legali hi awtorizzata li tirrelata, a spejjez provizorjament attrici. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghad-9 ta' April 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta’ Novembru 2002 a fol. 33 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwl lok il-gudizzju mhux integru *stante* li t-tfal minuri tal-kontendenti m'humiex rapprezentati u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok, fil-meritu, ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn ii-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero` gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici. *Di fatti* l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu mghoti tal-Kontro-Talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

3. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 34 u 35 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti B** datata 7 ta’ Novembru 2002 a fol. 35 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Frar 1981.

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tlett itfal cioe` Glenpaul ta' ghoxrin sena, Charlene ta' sbatax-il sena u Kurt ta’ hmistax-il sena lkoll ahwa Pace;

Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, permezz ta’ adulterju, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi *da parti* taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u ghalhekk iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

Illi ghalhekk l-istess konvenut rikonvenzjonanti talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u

esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat.

2. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma' l-attrici rikonvenzjonata.

3. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant.

4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret il-konvenut rikonvenzjonant.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici rikonvenzjonata *ope sententiam.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi,* rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

7. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant sabiex jghix u jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' martu u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez u bl-attrici rikonvenzjonata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat a fol. 37 u 38 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata tat-28 ta' Novembru 2002 a fol. 40 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata a fol. 41 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta' April 2003 fejn il-Qorti nnotat li d-digriet taghha tal-5 ta' Novembru 2002 ma giex osservat ghal kollox, u fuq talba ta' Dr. Martin Fenech tordna li ssir l-ahhar seduta ghall-provi attrici sal-ahhar ta' Mejju 2003. Il-Qorti ddikjarat li t-terminu tal-affidavits tal-konvenut jibda jghodd minn wara tali seduta. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex wara tali terminu tiffissa tlett seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut. Wara tali seduti l-Perit Legali ghandha tirrelata mhux aktar tard mis-26 ta' Novembru 2003, ghal meta giet differita l-kawza.

Rat in-nota tal-konvenut **B** tat-8 t'Ottubru 2003 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess ta' l-istess data flimkien ma xi dokumenti (fol 47 sa 63).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-assi tal-partijietipprezentata mill-attrici datata 20 ta' Ottubru 2003 a fol. 64 tal-process.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut tas-17 ta' Novembru 2003 (fol.66) fejn talab li l-manteniment tal-mara jigi revokat *in toto* u kwantu ghall-manteniment tat-tifel tissospendi l-effetti tal-istess *stante* li l-minuri ghandu mpjieg u kapaci jmantni lilu nnifsu u dan wara li rrefera li b'digriet tas-Sekond'Awla Numru 125/2001 huwa gie kkundannat sabiex ihallas lill-martu erbghin lira Maltin (Lm40) manteniment fil-gimgha ghaliha u erbghin lira Maltin (Lm40) manteniment ghaz-zewgt uliedu minuri.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn ordna lill-konvenut jiddikjara b’nota xi provi fadallu u n-notifika lill-kontro-parti ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-1 ta’ Dicembru 2003.

Rat id-digriet tal-24 ta’ Frar 2004 fejn il-Qorti f’dak l-istadju cahdet it-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu tas-17 ta’ Novembru 2003. (fol.71).

Rat il-verbal tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li baqa' ssir seduta wahda biex jinghalqu l-provi u l-Qorti ordnat li tigi ffissata l-istess seduta ghat-3 ta' Jannar 2004. Dr. Noel Bartolo talab l-isfilz ta' serje ta' *cheques* li gew prezentati mill-attrici. Il-Qorti riservat li tipprovdi dwar l-istess fi zmien 30 gurnata mill-lum. L-attrici ghandha tipprezenta prospett preciz ta' dak li qed tippretendi li hemm fl-istess dokumenti u jekk tali nota ma tkunx kif ghandha tkun ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, il-Qorti se tordna l-isfilz tal-istess u tali nota ghandha tigi notifikata lid-difensur tal-kontroparti. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-24 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Ilona Blackman fid-29 ta’ Jannar 2003 fejn xehdu l-attrici **A**, il-konvenut **B** in subizzjoni; tas-27 ta’ Frar 2003; tat-3 ta’ Marzu 2003 fejn kompla jixhed il-konvenut **B** in subizzjoni; tal-25 ta’ Marzu 2003 fejn xehdet l-attrici **A**; tas-16 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu wlied il-partijiet **Kurt Pace**, **Charlene Pace** u **Glenn Paul Pace**; tat-30 ta’ Gunju 2003 fejn xehed **Emanuel Spiteri**; tas-16 ta’ Settembru 2003 fejn ma sar xejn; tat-8 t’Ottubru 2003 fejn xehdet l-attrici **A** in kontro-ezami; tal-14 ta’ Novembru 2003 fejn xehed il-konvenut **B**; tal-20 ta’ Jannar 2004 fejn xehdu **Edwin Mallia**, **Susan Bharwani, Carmel Azzopardi,** l-attrici **A** u **Glenn Paul Pace**; tat-2 ta’ Frar 2004 fejn xehdu **Carmel Azzopardi** u **Teresa Baldacchino.**

Rat id-dokumenti esebiti waqt is-seduti mizmuma mill-Perit Legali (fol 120 sa 222).

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-15 ta’ Jannar 2004 fejn talab li l-manteniment dovut ghal Kurt Pace ammontanti ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha ma jibqax jigi ssominstrat mill-esponent.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta’ Jannar 2004 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut jiddikjara b’nota f’hiex waslu l-provi tieghu quddiem il-Perit Legali u jiddikjara wkoll l-introjtu kollu tieghu b’dokumenti li jindikaw dan bi preciz, kif ukoll giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti ghar-risposta.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-9 ta’ Frar 2004 fejn talbet li jigu ammessi xi ritratti bhala prova.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Frar 2004 fejn il-Perit Legali nfurmat lill-Qorti li rredigiet ir-rapport u rritornat l-ispoll. Il-Qorti nnotat li l-process mhux ghad-disposizzjoni taghha u ordnat li dan jinstab minnufih. Dr. Martin Fenech ghandu jghaddi kopja tac-cekkijiet pprezentati lill-kontroparti fi zmien hames t’ijiem mill-lum. Il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport mill-partijiet ghas-16 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati tat-12 ta’ Marzu 2004.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti giet infurmata li jonqos li jithallas ir-rapport tal-Perit Legali. Il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport ghat-12 ta' Mejju 2004.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Mejju 2004 fejn il-Perit Legali Dr. Ilona Debono halfet ir-rapport minkejja li ma thallsitx. Dan sar fuq suggeriment tal-Qorti peress li l-attrici qeghda bl-ghajnuna legali. Il-konvenut obbliga ruhu fuq suggeriment tal-Qorti biex fi zmien ghaxar t’ijiem minn dan il-verbal ihallas nofs id-dritt tal-Perit Legali. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport u finali trattazzjoni ghall-21 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-rapport prezentat mill-Perit Legali Dr. Ilona Debono fol 237 sa 267.

Rat il-verbali tal-21 t'Ottubru 2004, tat-3 ta' Marzu 2005 fejn d-difensuri jirrimettu ruhhom ghar-rapport hlief li Dr. Bartolo xtaq li jeskuti lill-Perit Legali fuq id-dekadenza ta' l-attrici.

Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Gunju 2005 ghall-eskussjoni tal-Perit Legali u finali trattazzjoni b'dan illi d-domandi ghandhom jigu pprezentati u notifikati lill-Perit Legali u d-difensur tal-kontroparti fi zmien hmistax-il gurnata. Il-Perit Legali tista' tirrispondi bil-miktub fir-registru. Il-konvenut allega li ricentement sar jaf li l-attrici tahdem tas-Sliema bhala *'maid'*. L-attrici bil-gurament taghha msejha mill-Qorti tiddikjara li mhux vera tahdem. In vista tal-posizzjoni llum il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-konvenut tal-15 ta' Jannar 2004 u dak tal-attrici tad-9 ta' Frar 2004.

Rat in-nota tal-konvenut tas-17 ta' Gunju 2005 fejn prezenta d-domandi in eskussjoni lill-Perit Legali.

Rat in-nota tal-Perit Legali tat-22 ta' Gunju 2005 fejn permezz taghha rrispondiet ghad-domandi in eskussjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2005 fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' Novembru 2005 ghas-sentenza bil-fakolta` li l-attrici tipprezenta nota t'osservazzjonijiet fi zmien 20 gurnata mill-lum bin-notifika lill-kontro-parti/difensur taghha li jkollu wkoll l-istess terminu ghal nota responsiva.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici tat-23 t'Awissu 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

**<u>(i) PROVI.</u>**

Illi l-attrici **A** xehdet permezz ta’ affidavit pprezentat fil-11 ta’ Lulju 2002, *viva voce* in ezami u in kontro-ezami waqt is-seduta tad-29 ta’ Jannar 2003, in kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2003 u in subizzjoni fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2004.

Illi in sintezi l-attrici xehdet illi l-problemi u l-glied bejn il-partijiet bdew meta kellhom it-tlett itfal peress li l-konvenut beda jahsibha differenti minnha. Li l-konvenut kien mohhu biex jiddeverti u johrog u ma kellux mohh it-tfal. Illi meta kienu jiggieldu l-konvenut kien jaqbad u johrog wahdu u jdum sa tard bil-lejl, li kien ikun kiefer maghha peress li kien jahbielha l-flus u l-anqas biex tixtri l-ikel ma kien ikollha.

Illi hija allegat li l-konvenut ghamel xi hbieb u beda johog ta’ spiss u li sab kumpanija ta’ mara Russa, li fil-fatt mar jaraha r-Russja u li sussegwentement din il-mara giet toqghod Malta. L-attrici tikjarifika li dan saret tafu minn nies u peress li t-tfal tal-partijiet qalulha li rawh maghha. L-attrici pprezentat zewg dokumenti a sostenn tat-tezi taghha li l-konvenut ghandu relazzjoni extra-martali ma tfajla ta’ nazzjonalita` Russa (Dok. “A” u Dok “B”).

Illi l-attrici allegat ukoll illi l-konvenut ma kienx jimpurtah mit-tfal u li hu la jkellimhom u l-anqas ma jaghtihom flus. Illi huma ma setghux jghixu flimkien u li l-konvenut kien ilu sena u nofs li telaq mid-dar matrimonjali. Xehdet ukoll illi l-konvenut ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali u ma jkellimx la lilha u l-anqas it-tfal.

Illi rigward id-dar matrimonjali hija allegat li dan il-post huwa flat tal-Gvern bil-kera u l-ircevuta tohrog fuq isem ir-ragel u li pero` hija hi li thallas il-kera li tammonta ghal hmistax- il lira Maltin (Lm15) kull tlett xhur.

Illi rigward assi appartenenti l-kommunjoni tal-akkwisti hija tghid li l-mobbli god-dar u cioe` l-ghamara saret waqt iz-zwieg. Illi kellhom flus il-bank li kienu fuq it-tfal pero` dawn ingibdu mill-konvenut u ma kien baqa’ xejn u li flus kien

hemm xi elfejn liri Maltin (Lm2,000). Sussegwentement fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2003 hija kkoregiet dan l-ammont u qalet li kien jammonta ghal disa’ t’elef lira Maltin (Lm9,000). Hija xehdet illi dawn il-flus kienu jikkonsistu fi flus li jaghtuha t-tfal, flus tac-*children’s allowance* u ta’ xi introjtu iehor.

Illi l-istesss attrici xehdet li hija kienet tghaddi dawn il-flus lill-konvenut sabiex huwa jiddepozithom il-bank u li hija qatt ma messet xejn minn dawn il-flus. Qalet ukoll illi minn dawn il-flus kull ma fadal kienu xi elfejn lira Maltin (Lm2,000).

Illi hija m’ ghandiex kont il-bank u l-anqas flus.

Illi bhala manteniment hija ghandha hamsa u sittin liri Maltin fil-gimgha (Lm65) li huma erbghin lira (Lm40) ghaliha u ghoxrin lira (Lm20) ghat-tifel u hames liri (Lm5) f’ idejn it-tifel.

Illi l-konvenut jahdem bhala *hawker* tal-haxix u li ma tafx kemm qed jaqla’ issa pero` xehdet illi meta kienu jghixu flimkien kull hmistax kien jiddepozita regolarment il-bank xi elfejn lira Maltin (Lm2,000).
Illi in kontro-ezami l-attrici **A** regghet xehdet dwar il-flus mizmuma mill-konvenut li allegatament huma tat-tfal. Hija qalet illi l-flus *kienu tat-tfal* u li dawn kienu qed jinzammu mill-konvenut fuq ismu. Rigward dan il-kont hija tichad li kien jintuza’ biex jinxtara l-frott ghaliex il-konvenut kellu kont iehor fuq ismu b’*cheque book* personali fuq ismu. Hija xehdet illi fuq il-kont tat-tfal ma kellux *cheque book*. Fuq il-kont l-iehor (dak tax-xoghol) il-konvenut kien jiddepozita ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) kull gimghatejn.

Illi hija xehdet illi djun il-konvenut ma kellux u l-flus li kien jaqla’ mill-bejgh kien igemmahom, ikjarifika t li parti mill-flus kien igemmahom u parti mill-flus kien jhallas bihom. Hi qalet li l-konvenut kien qalilha li l-flus kien laghabhom. Tichad li ntuzaw elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) fuq kors tat-tifla ghal *beautician*. Hi xehdet li ghal kors tat-tifla li dam madwar sena u nofs il-flus kienu hargu

minghand il-konvenut mic-*cheque book* tieghu. It-tifel kien ghamel kors ghall-*catering* li dam madwar xahrejn. Ghal dan il-kors il-konvenut kien hallas wara li t-tifel kien jitla' l-*garage* ta' missieru. Rigward it-tifel li ghamel kors tad-deheb u l-fidda xehdet li dan sar gewwa Targa Gap u ma thalsux flus ghalih. Ma taqbilx li l-konvenut kien jixtri l-fidda u xtralu l-ghodda. It-tifel m'ghandux ghodda. Ma taqbilx li l-konvenut kien xtara strument lit-tifel li skond ix-xhud kien it-tifel stess li gemgha biex jixtri dan l-istrument peress li kien jahdem ma' tal-fidda ghal xi sentejn.

Illi rigward l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) kull gimghatejn li kien jiddepozita l-konvenut, l-attrici xehdet li dawn il-flus kienu mill-bejgh ta' gewwa l-*garage* u l-vann, u li kull hmistax kien imur il-bank sabiex jiddepozithom flimkien mal-flus li kienu jgemmghu t-tfal, u mbaghad kien ihallas lill-kredituri permess tac-*cheque book*.

Illi rigward n-numri tat-*telephones* li nstabu gewwa l-*mobile* tal-konvenut tar-Ramla Hall qalet li hi taf li jpoggu r-Russi ghaliex semghet minn nies u li hi jew it-tifla ma marrux jivverifikaw dwar dan.

Illi rigward l-ezebit Dok "B" l-attrici xehdet illi t-tifla kitbet in-numri minn fuq il-*mobile* tal-konvenut wara li l-istess konvenut kien taha l-*mobile* tieghu. Il-karta kitbitha t-tifla. Sostniet li t-tifel Kurt qed jahdem.

Illi **Kurt Pace** it-tifel tal-partijiet xehed illi meta kienu zghar il-flus li kienu jaqilghu li kien itihom il-konvenut kienu jigu depozitati f'kont bankarju mill-konvenut. Huwa xehed li dawn il-flus kienu jikkonsistu f'rigali tal-*birthdays* u xi *pocket money*. Ix-xhud xehed illi hu u hutu kellhom madwar tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kull wiehed. Dan ix-xhud xehed ukoll illi gieli ra lil missieru ma xi nisa fil-karozza tieghu.

Illi l-istess xehdet **Charlene Pace** it-tifla tal-partijiet fis-sens li l-konvenut kien izomm ghandu xi tlett elef lira Maltin (Lm3,000) ghal kull wiehed mill-ahwa. Spjegat li dawn il-flus kienu jikkonsistu fi flus li qalghu fil-precett, tac-*children's allowance* u flus ohra li l-istess konvenut kien

jaghtihom biex ifaddlu. Xehdet li missierha ha dawn il-flus u li ha ukoll il-ktieb tal-bank. Dawn ittiehdu xi sentejn ilu qabel ma telaq mid-dar.  L-istess persuna qalet ukoll li gieli rat il-konvenut ma persuni tas-sess oppost u li f'okkazjoni minnhom kien sahansitra kellimha meta kien ma mara u li ratu xi darba ohra ma mara differenti. Hi qalet ukoll li l-konvenut kien urieha ritratt ta' mara qabel telaq mid-dar matrimonjali.

Illi **Glenn Paul Pace** it-tifel tal-partijiet ikkonferma li l-ahwa kellhom xi flus imfadlin liema flus kienu jikkonsistu f'rigali, *children's allowance* u flus ohra li kien jaghtihom il-konvenut talli kienu jghinuh. Huwa qal li kienu jzommu xi registru fuq ktieb li wara xi zmien il-konvenut kien qatta u qal li kulhadd jiehu ugwali jigifieri jekk hemm disa' t'elef lira Maltin (Lm9,000) kull wiehed mill-ulied jiehu sehem ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Qal ukoll li darba ra l-konvenut ma mara Russa u dan wara li l-konvenut kien telaq mid-dar. Ikkonferma li xoghol il-konvenut huwa li jbiegh il-haxix u li jbiegh f'diversi postijiet u cioe` Zejtun, Rahal Gdid, Fgura u Wied il-Ghajn. Jghid li meta kien zghir kien imur mal-konvenut waqt ix-xoghol u li waqaf imur mieghu minn mindu huwa beda jahdem. Huwa xehed li l-konvenut kien ikollu nies jixtru minghandu.

Illi in kontro-ezami dan x-xhud xehed li kien jaf li l-mara kienet ta' nazzjonalita` Russa peress illi l-konvenut kien jghid qabel ma telaq mid-dar *'kemm hi helwa dik ir-Russa'*. Mbaghad ippreciza li jaf li hi Russa mhux b'certezza imma mill-fattizzi.

Illi dan ix-xhud gie riprodott mill-konvenut fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2003 in kontro-ezami.  F'din is-seduta ix-xhud xehed illi huwa jiftakar illi fuq il-ktieb (registru) zgur li kien hemm erba' mitt lira Maltin (Lm400) li kien sehemu. Spjega li l-ahwa kienu jgemmghu l-flus, ippoguhom gewwa kexxun u dan jigu depozitati l-bank minn missierhom u cioe` l-konvenut.  Pero` jghid li huwa qatt ma mar mieghu l-bank. Xehed li jiftakar li sehmu tac-*children's allowance* kienu qed jigu mfaddlin u li sehmu kien jammonta ghal aktar minn tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Dawn il-flus kienu jinkludu *children's*

*allowance*, rigali fi flus, flus li kien jaqla' minghand il-konvenut ghax kien jahdem mieghu ghal ghaxar snin u *pocket-money*. Il-*pocket money* kien ta' ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha u ghal l-ahhar tlett xhur zdiedu hmistax il-lira (Lm15) fil-gimgha.

Illi jaf li sehmu kien ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) ghax kien hemm disa' t'elef lira Maltin (Lm9,000) b' kollox u dawn kellhom jinqasmu bejn l-ahwa. Xehed li ommu kienet hadet il-ktieb tal-bank ghand avukat li kien qalilha l-kontenut tal-ktieb. Xehed illi l-ktieb tal-bank kien ikun fil-kexxun. Il-kont kien intestat fuq isem il-konvenut u li c-*children's allowance* kienet tircievih ommu, l-attrici. Xehed illi apparti c-*children's allowance* huwa ma jafx kemm gemma u kemm ircieva rigali. Illi huwa qal li ghall-bzonnijiet tieghu kienu jipprovdu l-genituri. Ikkonferma li meta kien ra lill-missieru, l-konvenut, ma Russa huwa ma kellimx lill-missieru. Kien il-konvenut li kien jghid li hija Russa u huwa ma jafhiex. Dwar il-vann Toyota dan jintuza' mill-konvenut ghax-xoghol. Huwa jaf li l-konvenut jaghmel il-*business* ta' *hawker* ghax jigi quddiem il-*flat* taghhom kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Gimgha. Illi huwa qal li l-genituri ghandhom il-problemi ghax minn mindu kien zghir missieru kien johrog man-nisa. Ghamel referenza ghal meta kellu xi hames jew seba' snin fejn tella' mara waqt *carcade*. Jghid li l-konvenut kien jidhol ghand iz-zija wahdu god-dar taghha.

Illi l-konvenut **B** xehed in subizzjoni tul is-seduti tad-29 ta' Jannar 2003, tat-3 ta' Marzu 2003 u sussegwentement ipprezenta affidavit flimkien ma numru ta' dokumenti in sostenn tat-tezi tieghu. Fil-qosor il-konvenut xehed illi huwa gie mkecci mid-dar fit-13 ta' Frar 2001. Hu ikkonferma li kellu relazzjoni ma mara Russa pero` ippreciza li dan wara li gie mkecci mid-dar matrimonjali. Qal ukoll illi huwa sakemm gie mkecci mid-dar dejjem baqa' fidil lejn martu l-attrici. Ippreciza ukoll li huwa mhux relazzjoni kellu imma hbiberija li llum m'ghandiex tezisti. Fuq numru ta' domandi tal-avukat difensur tal-attrici l-konvenut b'referenza ghal Dok "B" pprezentat mill-attricim, l-konvenut irrisponda illi certa Roxana kienet ilha sena u nofs li telqet minn Malta, li siefer darba wahda r-Russja,

precizament Mosca ma habib tieghu u li hemm hekk ma ltaqa' ma ebda tfajliet Ukrajini. Dan gara xi sentejn ilu. Il-konvenut ikkonferma li huwa kien ipprezenta kawza fit-Tribunal tal-Konsumaturi rigwardanti din is-safra. Xehed ukoll illi r-Russja hu u siehbu kienu qaghdu go lukanda go kamra wahda.

Illi l-konvenut kompla jixhed in subizzjoni tul is-seduta tat-3 ta' Marzu 2003 fl-liema xhieda huwa cahad li l-partijiet kellhom xi flus il-bank fuq isem it-tfal u dan peress li t-tfal qatt ma nfethulhom kontijiet bankarji. Ikkonferma li huwa kellu kontijiet bankarji fuq ismu. Qal li llum qed jghix wahdu go appartament gewwa Marsascala b'kera ta' hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) fix-xahar. Xehed ukoll illi mix-xoghol tieghu ma jafx kemm jaqla' imma fil-gurnata tal- Gimgha precedenti ghas-seduta huwa biegh b'sebghin lira Maltin (Lm70).

Illi bhala vetturi ghandu karozza Hyundai Accent li ilha 6 snin u Van Toyota li jintuza' biss ghax-xoghol. Qal li l-*garage* li jinstab 1, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun huwa xehed li dan jintuza' sabiex jisstorja l-haxix fih. Huwa xehed illi huwa ser jieqaf mix-xoghol peress li mhuwiex qed ilhahhaq mal-ispejjez u li behsiebu jghix bir-*releif*. Ikompli jghid li meta telaq mid-dar huwa xehed li l-attrici taghtu pjanu u li ma taghatux *video camera*. Ma ghamel l-ebda tentattiv biex jidhol lura fid-dar matrimonjali minhabba l-allegat atteggjament vjolenti tal-attrici. Ikkonferma ukoll ili huwa qatt ma ghamel rikors biex l-attrici titkecca hi mid-dar matrimonjali. Dwar ic-*children's allowance* l-konvenut xehed illi din kienet tintuza' ghal bzonnijiet tad-dar u li dawn qatt ma gew depozitati l-bank.
Illi fuq kif gie mkecci mid-dar il-konvenut xehed illi din saret wara glieda u fil-fehma tieghu kellha x'taqsam persuna ohra. Il-konvenut ghamel referenza ghal gurnata partikolari fejn qal illi waqt li t-tfal tal-partijiet ma kienux id-dar kien hemm xi persuna ohra gewwa d-dar.

Illi fis-seduta mizmuma fl-14 ta' Novembru 2003 rega' xehed il-konvenut li esebixxa numru ta' dokumenti. Huwa xehed li hu u huh bieghu xi proprjetajiet mill-wirt ta'

missierhom (kuntratti ezebiti) u li r-rikavat minn dawn il-proprjetajiet intuzaw minnu biex inxtara l-*garage* 1, Triq id-Dahla ta’ San Tumas, Zejtun, biex xtara diversi mobbli gewwa d-dar matrimonjali kif ukoll ta’ deposit ghal karozza u l-vann tax-xoghol. Pero` meta gie mistoqsi in kontro-ezami l-konvenut xehed li l-garaxx inxtara jew fin-1994 jew 1995 u ma hadux *loan* biex inxtara l-garage. Mbaghad ikjarifika li kien hemm hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) il-bank issellef fuqhom u wara li hallas certu ammont ta’ flus fuq il-*garage* l-erba’ t’elef lira Maltin (Lm4,000) hallashom *cash*. Il-*garage* inxtara versu l-prezz ta’ seba’ t’elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500). Mbaghad qal li ssellef hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) mill-bank u hallas elf u erba’ mitt lira Maltin (Lm1,400) u meta rreallizza li seba’ mitt lira Maltin (Lm700) minnhom kienu imghax hallas il-kumplament minn flus li kellu mwarbin. Fuq l-ghamara li xtara huwa qal li m’ghandux ricevuti taghhom ghax kien hadimha r-ragel ta’ oht l-attrici u kien tithallas *cash*. Xehed li mill-flus tal-wirt kien hemm hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) il-bank u l-kumplament thallas id-dejn tal-pitkali, w id-deposit tal-karozza li nxtrat jew fin-1996 jew 1997. Xehed li ma kienx ihalli flus id-dar imma l-bank biss.

Illi wara domanda tad-difensur tal-attrici l-konvenut qal li wara li serqulu karozza Lada Samara thallas elf u disa’ mitt lira Maltin (Lm1,900) mill-*insurance* u dawn intuzaw biex inxtraw il-vetturi. Imbaghad rega’ qal li l-flus tal-wirt intuzaw kemm ghall-proprjeta` kif ukoll ghax-xiri tal-vetturi. Huwa xehed illi l-flus ghall-karozzi gabhom minn flus ta’ proprjeta` parafernali kif ukoll mill-flus tal-*insurance* li dahhal.

Illi huwa xehed li l-ghamra tad-dar kollha saret fiz-zwieg u bejn 1981 u 1996 inxtrat il-kamra tas-sodda, kmamar tat-tfal tas-sodda, l-kcina u salott. Fl-affidavit tieghu il-konvenut qal li l-attrici ghandha karattru difficli u li ma kienetx turi l-affett taghha. Qal ukoll li t-tfal kienu jiehdu precedenza fiz-zwieg taghhom. Huwa jghid li ghat-tkissir taz-zwieg kienet resposabbli l-attrici bl-attegjament taghha peress li skond hu l-karattru taghha huwa inkompatibbli ma dak ta’ mara mizzewwga. Xehed li t-tfal bilkemm

ikellmuh ghax imxewxin minn ommhom. Xehed illi huwa dejjem ha hsieb l-interessi tat-tfal u ipprovda ghall-edukazzjoni taghhom.

Illi huwa xehed illi l-mara keccietu mid-dar diversi drabi u fi kiemu "*kienet tifissa li mmur nilghab jew nohrog meta minn dan kollu qatt ma kien xejn peress li kull meta giet tfittixni dejjem il-garage tar-ragel t'ohta stess peress li konna nkunu ghand xulxin anki bin-nisa*". Sostna li llum ghandu hafna djun ghax l-anqas biex jixtri l-haxix mhux qed ilhahhaq. Hu jattribwixxi dan ghall-fatt li l-mara kull meta kienet tigi bl-ghajjat kienet tbezzalu n-nies. Jattribwixxi n-nuqqas ta' xoghol ukoll minhabba li zdiedet il-kompettizzjoni. Allega li l-attrici kienet tkun fizikament vjolenti u ezebixxa zewg certifikati medici datati 12 ta' Gunju 2001 u 12 ta' Jannar 2001 rispettivament. Jallega wkoll li l-attrici kellha relazzjoni adultera u ghamel referenza ghall-incident fejn meta t-tfal tal-partijiet kienu qeghdin il-bahar kien ra lill-*plumber* jidhol id-dar taghhom u hu kien jaf li ma kellhomx hsara. Meta gie lura d-dar sab xi *condoms* neqsin. Qal ukoll li n-nies kienu raw lill-*plumber* jidhol ghandha meta kien imsiefer mat-tfal. Jghid li l-attrici qatt ma cahdet dan.

Illi dwar kif telaq mid-dar matrimonjali jghid li *"jiena ntenni li qatt ma tlaqt mid-dar minn jeddi. Jien gejt imkecci minn A li haditli c-cwievet tad-dar, ippakjatli hwejgi go boroz taz-zibel u ramiethomli barra. Ghadni mkecci ma nistax nidhol id-dar sallum. Nghid li m'ghamilt ebda kwerela ghax ma ridx inzid l-inkwiet."* Jghid li ghandu djun li jammonta ghal elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) ma' tal-pitkalija u elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) ma' tal-frott.

Illi **Emmanuel Spiteri** (r-ragel ta' oht l-attrici) prodott mill-konvenut sostna li l-konvenut gieli qallu li l-attrici keccietu mid-dar jew inkella li huma ggieldu u li l-istess konvenut gieli gie d-dar tieghu wara xi glieda mal-attrici. L-attrici kienet tghid li l-partijiet kienu jiggieldu minhabba l-allegat vizju tal-loghob li ghandu l-konvenut jew inkella minhabba li l-konvenut kien idum barra. Ix-xhud qal ukoll li l-konvenut gieli kien ghandu meta l-attrici kienet tghid li l-konvenut kien mar jilghab. Jghid li l-vuci ta' l-attrici hija

gholja u li gieli kienet tkun nervuza ukoll. Minn naha l-ohra l-konvenut ghandu habta jitkellem b'mod li mhux xieraq. Illi in kontro-ezami qal li f'dawn l-ahhar sentejn il-konvenut gieli cempel id-dar tieghu biex it-tifla tieghu toqghod fil-hanut tal-konvenut. Jghid li jara lill-konvenut jahdem u li ra lill-konvenut il-garaxx minn fejn johrog bil-vann tax-xoghol diversi drabi. Il-konvenut ibiegh il-haxix gewwa l-Fgura u Tarxien. Xehed li t-tifla tieghu tmur generalment nhar ta' Tnejn tbiegh il-haxix pero` wara ikjarifika li ma jafx ezatt meta tmur it-tifla tieghu. Rigward in-negozju tal-konvenut ix-xhud xehed illi l-konvenut qallu li ghandu d-dejn u li gie jitolbu l-flus ghax ghandu d-dejn fuq il-haxix li qed ibiegh.

Illi **Edwin Mallia** rapprezentant tal-ETC qal li ma rrizultawx li l-attrici hija registrata mal-ETC; **Sharon Bharwani** in rapprezentanza tad-dipartiment tas-Sigurta` Socjali dwar ic-*children's allowance* sostniet li c-*children's allowance* tircevieha l-attrici A pero` din tinhadem fuq l-introjtu tar-ragel u li c-*cheque* tac-*children's allowance* johrog kollu fuq isimha fuq isem il-familja. Prezentement l-attrici ma tircivi ebda *children's allowance*. Ix-xhud ipprezentat diversi dokumenti; **Carmel Azzopardi** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali taqsima tar-*releif* ma setghax jixhed peress li ma giex ezentat mill-attrici; **Teresa Baldacchino** cahdet li l-konvenut kien jigi wahdu d-dar taghha; **Paul Pace,** hu l-konvenut qal li l-partijiet kienu jilletikaw u jargumentaw anki fuq affarijiet semplici. Xehed ukoll li l-partijiet ghandhom karattri differenti. Huwa qal li l-attrici kienet tpoggi l-konvenut l-ahhar u cioe` wara t-tfal tal-partijiet. Allega li x-xoghol tal-konvenut sejjer lura.

## <u>(ii) Apprezzament tal-Provi.</u>

Illi r-raguni principali li l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg huwa adulterju li zewgha allegatament ikkommetta ma mara ta' nazzjonalita` estera. Illi l-konvenut ikkonferma li kellu hbiberija bil-kwalifika li dan sar wara li huwa telaq mid-dar matrimonjali u fil-fatt din il-Qorti thoss li l-istess konvenut

bla dubju ta’ xejn ammetta li kkometta adulterju ghalkemm huwa jghid li dan sehh biss wara li telaq mid-dar konjugali.

Illi jinghad li dak li sostniet l-attrici huwa kkorroborat minn *magazine* li turi lill-konvenut qed jizfen go post ta’ divertiment ma mara m’hux identifikata mill-attrici, sett ta’ *telephone numbers* misjuba fuq it-telefonu cellulari tal-konvenut mit-tifla tal-partijiet, Charlene Pace, u x-xhieda okulari tal-tfal tal-partijiet li raw lill-konvenut f’diversi inhawi ta’ Malta ma nisa ohra. It-tezi mressqa mill-attrici li l-konvenut ghandu relazzjoni ma mara Russa hija wkoll konfortata mill-fatt li l-konvenut siefer ir-Russja flimkien ma habib tieghu u din hija ammessa anke minnu

Illi skond gurisprudenza konstanti gie ritenut diversi drabi illi minhabba d-diffikulta *de visu* tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista’ jigi nferit minn indizji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta’ konkubinat (**“Virginia Fenech vs Avukat Dottor Giuseppe Borg Olivier et noe**” - 7 ta’ Settembru 1994). Illi fis-sentenza fl-ismijiet **“Rose Gauci vs Salvatore Gauci”** (1 ta’ Ottubru 2002, P.A) il-Qorti rriteniet illi *“hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta` tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u l-gurisprudenza li l-adulterju jista’ jigi pprovat permess ta’ indizji u presunzjonijiet, puche’ dawn ikunu gravi, precizi u konkordandi, b’ mod li ma jhallu ebda dubju f’min ghandu jiggudika”.*

Illi mill provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma heba bl-ebda mod din ir-relazzjoni tieghu ma’ mara ta’ nazzjonalita’ barranija (Russa) tant li kienu ulied il-kontedenti stess li raw lill-konvenut f’diversi postijiet pubblici flimkien ma diversi nisa. Charlene Pace xehdet illi l-konvenut urieha ritratt ta’ mara qabel ma telaq mid-dar matrimonjali kif ukoll kellimha meta kien fil-prezenza ta’ nisa ohra li m’humiex l-attrici jew familjari taghha. Rigward l-allegat adulterju li l-konvenut ikkommetta ma Teresa Baldachhino dan gie smentit mill-istess Teresa Baldachhino kif ukoll jinghad li ma tressqet ebda prova in sostenn ma dan.

Illi mill-provi migjuba mill-attrici kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut din il-Qorti thoss li giet ippruvat li l-konvenut kellu relazzjoni adultera ma' mara Russa u wkoll kellu relazzjonijiet ohra ma' nisa ohra u dan ghamlu b'mod mill-iktar apert u fil-fatt huwa jixhed b'tali mod u manjiera li ghalih l-obbligu ta' fedelta` ma ghadhux aktar jezisti anzi jidher li jikkonsidra li huwa d-dritt tieghu li jkollu relazzjoni ma' nisa ohra; f'dan ir-rigward din il-Qorti ma' taqbilx mal-konkluzjonijiet peritali u thoss li mill-kumpless tal-provi gie ppruvat li l-istess konvenut ikkommetta kemm adulterju u wkoll kellu hbiberija ma' nisa ohra u dan l-attegjament tal-konvenut kien konsistenti anke meta kien ghadu qed jghix ma' l-attrici.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess konvenut ingurja gravament lill-attrici anke fil-mori ta' din il-kawza u dan *stante* li minkejja li allega fl-affidavit tieghu dwar incident fejn allega li l-attrici kienet wehedha fid-dar matrionjali u skond huwa dahal *plumber* minkejja li skond hu ma kienx hemm ghalfejn, din l-allegazzjoni tal-konvenut mhux biss ma giet bl-ebda mod ikkorroborata izda hija adirittura fittizja, mhix kredibbli u wkoll inveritiera u dan apparti li bl-edba mod l-istess allegazzjoni serja ma giet soffermeta b'naqra access ta' prova. Dan fih innifsu jammonta ghall-ingurja gravi *da parte* tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

Illi l-attrici fic-citazzjoni promotorja allegat ukoll illi ghat-tkissir irrimedjabli taz-zwieg kien responsabbli l-konvenut minhabba minacci, eccessi u thedid.

Illi l-Qrati taghna ritenew illi biex ikun mohqrija jehtieg ikun hemm mhux biss xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien (**"Mary Muscat vs Anthony Muscat"** P.A. (PS) 28 ta' Frar 2003). Fil-kawza fl-ismijiet **"Mary Muscat vs Anthony Muscat"** Cit. Nru. 1732/1996 P.A. il-Qorti qalet illi *"issa kif inhu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** (Prim'Awla tal-Qorti Civli, 13 ta'

Gunju 1967). Fil-kawza fl-ismijiet **“Marthese Vella vs George Vella”** (P.A. (PS) - Nru.2466/1996 deciza 8 ta’ Frar 2003) il-Qorti rriteniet li *“ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f’certa mgieba hazina u mhux b’ xi atti izolati waqt xi tilwima.”*

Illi din il-Qorti thoss li kontrarjament ghal dak indikat mill-Perit Legali hija thoss li l-attrici ppruvat dan peress li mhux l-ewwel darba li l-konvenut kien juza’ l-fatt li huwa kien il-*bread winner* bhala forma ta’ theddida ghall-martu sabiex toqghod ghal dak li jkun jrid huwa u fil-fatt dwar l-istess attrici qalet li *“kien ikun kiefer maghna peress li kien jahbieli l-flus u l-anqas biex nixtri ikel ma kien ikolli.”* Illi wkoll kuntrarjament ghal dak li sostniet il-Perit Legali, t-tfal xehdu bid-dettal u kienu konsistenti anke fuq l-allegazzjoni li l-flus tac-*children’s allowance* u beneficcji ohra kienu suppost jinzammu minn missierhom ghalihom, izda meta telaq mid-dar huwa ma’ halla xejn minn dan, anzi qal lil mara li kien mar laghabhom.

Illi huwa veru li l-konvenut ipprezenta prospett li juri l-hlasijiet li huwa ghamel ghat-tfal fl-1 ta’ Mejju 2002 sa 17 ta’ Frar izda dan bl-ebda mod ma’ jbiddel jew jikkontrasta ma’ dak li sostniet l-attrici ghal meta l-konvenut kien ghadu jghix fl-istess dar; anke jekk tali pagamenti huma minnhom dan juri li dawn saru wara li l-konvenut hareg mid-dar konjugali u wkoll jitfghu fid-dubbju sew l-allegazzjonijiet tieghu dwar l-introjtu tieghu li jidher li allura huwa superjuri ghal dak minnu allegat.

Illi minn naha l-ohra l-konvenut ukoll addebita fil-konfront tal-attrici sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi da parti taghha fil-konfront taghha u li skond hu kien ghalhekk li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment. A sostenn tat-tezi tieghu huwa pprezenta diversi rapporti maghmula minnu lill-Pulizija kif ukoll zewg certifikati medici a sostenn ta’ din it-tezi. F’dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma’ l-osservazzjonijiet tal-Perit Legali f’dan ir-rigward u cjoe` li l-allegati incidenti sehhew fl-4 ta’ Settembru 2000, 6 ta’ Frar 2001, 12 ta’ Gunju 2001, 4 ta’ Settembru 2001, 6 ta’ Frar 2002, 4 ta’ Lulju 2002, 19 ta’ Dicembru 2002, fis-6 ta’ Marzu 2003 u 5 ta’ Gunju 2003 u allura fil-maggor parti

wara li l-konvenut ma baqghax jghix fid-dar matrimonjali sa mit-13 ta' Frar 2001.

Illi fil-fatt l-unika rapport pprezentat mill-konvenut li jirreferi ghal qabel dik id-data u cioe` dak tas-6 ta' Far 2001 ma jinkwadrax fil-fehma tal-Qorti taht dan il-kap. Mentri r-rapport li jirreferi ghall-incident tal-4 ta' Settembru 2000 jirrigwarda argument rigward manteniment u certifikat mediku fil-pussess tal-konvenut li juri li l-argument iddegenera b'tali mod li l-attrici girfet lill-konvenut. Il-konvenut ma pprezentax la rapporti tal-pulizija u l-anqas certifikati medici li jirreferu ghall-perijodi precedenti.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li s-separazzjoni personali sehhet minhabba li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' minacci, sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi u adulterju u li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti ma ghadhux aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment b'mod li l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kura u kustodja, access u manteniment tat-tfal minuri jigi osservat li l-partijiet ghandhom tlett itfal Glen Paul (maggorenni), Charlene (maggorenni) u Kurt ta' sbatax-il (17) sena. It-tfal kollha baqghu jghixu ma' l-attrici gewwa d-dar matrimonjali. Peress li rrizulta mill-provi li t-tifel li huwa minorenni ghandu impjieg ma hemmx lok ghal manteniment. Ghal kull *buon fini* l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' fdata f' idejn l-attrici. Minhabba l-eta` tal-minuri fil-fehma tal-Qorti m' huwiex opportun li jigi ffissat xi access *stante* li l-minuri ghandu l-eta` li jiddeciedi huwa stess il-hinijiet li huwa jista' jqatta' mal-konvenut.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**kommunjoni tal-akkwisti** din tikkonsiti fis-segwenti:-

- Kirja tal-flat Block 1, Flat 5, Ta' Ganza Housing Estate, Zejtun mikri minghand il-Housing versu l-kera ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) kull tlett xhur;

- Garaxx li jinstab 1, Triq id-Dahla ta’ San Tumas, Zejtun stmat ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) minghand il-perit Martin De Bono u dan skond stima esebita bhala Dok. “C” a fol. 122 tal-process datata fis-sena 2001.

- Vann Toyota;

- Karozza - Hyundai Accent;

- Permess ta’ *fixed hawker* fuq isem il-konvenut;

- Flus kontanti jew depoziti l-bank;

- L-ghamara li tinstab gewwa d-dar matrimonjali.

Illi jigi nnotat, kif sewwa ghamlet il-Perit Legali li hemm divergenza bejn il-partijiet dwar l-ammont ta’ flus. Minn naha wahda l-konvenut iddikjara f’affidavit tieghu illi l-flus appartenenti l-kommunjoni tal-akkwisti ghal seba’ mitt lira Maltin (Lm700) li huma depozitati l-bank minn naha l-ohra skond l-attrici l-konvenut appropja ruhu minn disa’ t’elef lira Maltin (Lm9,000) liema flus hija tghid huma bejn it-tlett ‘itfal tal-kontendenti. Jigi rimarkat illi t-tfal kollha tal-partijiet xehdu illi l-konvenut kien appropja ruhu minn xi flus li allegatament huma taghhom. Meta gew mistoqsija f’xiex kienu jikkonsistu dawn il-flus huma qalu li dawn kienu jikkonsistu minn flus li huma qalghu bhala rigali fil-precett etc, f’*pocket money* li huma gemmghu jew li kienu jaqilghu talli kienu jghinu lill-konvenut u minn sehemhom tac-*children’s allowance*.

Illi din il-Qorti thoss li abbazi anke ta’ dak li qalet il-Perit Legali f’’dan ir-rigward u minkejja li l-attrici allegat b’certu insistenza li dawn il-flus kienu qed jigu depozitati regolarment mill-konvenut f’kont bankarju li skond hija ma kienx il-kont bankarju li kien juza’ regolarment il-konvenut, hija xorta wahda ma resqet ebda prova dwar l-ezistenza *o meno* ta’ tali kont minkejja li kellha kull opportunita` li taghmel dan tul il-kors tal-gbir tal-provi taghha u tul is-snin kollha li din il-kawza ilha pendenti u ghalhekk din il-Qorti

thoss li dak allegat f'dan il-kuntest ma giex ippruvat mill-attrici.

Illi l-attrici pprezentat sett ta' cekkijiet u *bank deposit books* fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2003. Id-difensur tal-konvenut ivverbalizza li huwa ser jitlob l-isfilz ta' dawn id-dokumenti *stante* li skond hu din hija legalment insostenibbli peress li l-provi tal-attrici jinstabu maghluqin. Illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2003 quddiem din l-Onorabbli Qorti, il-Qorti dekretat illi *"l-attrici ghandha tipprezenta prospett preciz ta' dak li qed tippretendi li hemm fl-istess dokumenti u jekk tali nota ma tkunx kif ghandha tkun a sodisfazzjon tal-Qorti. Il-Qorti se tordna l-isfilz tal-istess u tali nota ghandha tkun notifikata lid-difensur tal-kontroparti."*

Illi sussegwentement fis-seduta mizmuma fit-2 ta' Frar 2004 l-attrici pprezentat set ta' erba' dokumenti mmarkati Dok "MF1", Dok "MF2", Dok "MF3" u Dok "MF4" rispettivament li jikkomprendu fir-rispett ta' Dok "MF1" rendikont ta' depoziti maghmula fil-kont numru 121-0546201-0 tat-tip *current account* fil-perjodu ta' bejn it-30 ta' Marzu 1999 sat-22 ta' Dicembru 1999, u kont numru 21-0373401-2 fl-isem ta' Dolores Pace ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 1999 u t-30 ta' Dicembru 1999 li jammontaw ghal disgha u ghoxrin elf, tlett mija u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm29,390.75), Dok "MF2" rendikont tal-ammont totali tac-*cheques* li kienu fil-pussess tal-attrici li gew mhallsa fuq ic-*cheques* li kienu jammontaw ghal tlieta u ghoxrin elf, mitejn u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm23,216.78) ghall-perjodu ta' bejn it-2 ta' Jannar 1997 u t-18 ta' Dicembru 1997, rigward Dok "MF3" dan kien jirrigwarda l-perjodu ta' bejn il-25 ta' Marzu 1996 sat-30 ta' Dicembru 1996 l-ammont totali ta' flus depozitati jammontaw ghal ghoxrin elf, mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm20,175) filwaqt li l-ammont totali ta' flus imsarrfa permezz ta' *cheques* jammonta ghal wiehed u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm21,254.56) u ghaldaqstant jirrizulta zbilhanc ta' elf u disa' u sebghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1,079.56) u dan dejjem skond ir-rendikont pprezentat

u Dok "MF4" li jipprovdi rendikont ghall-perjodu ta' bejn is-17 ta' April 1995 u s-7 ta' Dicembru 1995 liema dokument jindika li l-ammont ta' flus imsarfa jammontaw ghal sittax-il elf lira Maltin u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm16,023) filwaqt li l-*cash deposits* ghas-sena 1995 kienu jammontaw ghal dsatax-il elf u tmien mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm19,856).

Illi l-konvenut isostni li l-ammonti ma jirriflettux id-dhul peress illi skond hu mill-flus depozitati l-bank ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez inkorsi ghan-negozju tieghu tal-bejgh tal-haxix. A sostenn tat-tezi tieghu huwa pprezenta l-*income tax returns*. Illi l-esponenti tissottometti li ghal fini ta' analizi hija ser taghmel biss referenza ghall-*profit and loss accounts* mehmuza mal-*income tax returns* tal-istess konvenut ghas-snin bazi 1999, 1997, 1996 u 1995 minn fejn irrizulta li ghas-sena bazi 1999 il-konvenut iddikjara illi l-*income* tieghu kien jammonta ghal tlettin elf lira lira Maltin (Lm30,000), *puchases* jammontaw ghal sitta u ghoxrin elf u sitta u disghin lira Maltin (Lm26,096) u spejjez ghal sitt mija u hmistax-il lira Maltin (Lm615). Illi fis-sena 1997 huwa iddikjara li l-*income* tieghu kien ta' disgha u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm29,423), *purchases* hamsa u ghoxrin elf, mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm25,168) u spejjez ohra ta' sitt mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm629). Ghas-sena bazi 1996 huwa iddikjara li l-*income* tieghu kien ta' tlettin elf u tmintax-il lira Maltin (Lm30,018), *purchases* sitta u ghoxrin elf u tnax-il lira Maltin (Lm26,012) u spejjez jammontaw ghal erba' mija u tmienja u tlettin lira Maltin (Lm438). Finalment ghas-sena bazi 1995 huwa ddikjara illi l-*income* tieghu kien jammonta ghal sitta u ghoxrin elf, erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm26,440), *purchases* ghal tnejn u ghoxrin elf erba' mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm22,462) u spejjez ghal sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm626). Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' *cheques* imsarfa u l-ammont ta' spejjez dikjarati mill-konvenut ghas-snin in kwistjoni *in linja di massima* jikkombacju. F'dan il-kuntest din il-Qorti ghalhekk qed taqbel ma' l-apprezzament tal-provi li ghamlet il-brava Perit Legali.

Illi ghal dak li jirrigwarda djun appartenenti l-kommunjoni tal-akkwisti jigi rilevat li minkejja li l-konvenut fl-affidavit tieghu ddikjara li hemm dejn fl-ammont ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200), dejn tal-pitkalija u elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200), dejn ma’ tal-frott prova kolloboranti ta’ liema ma tressqux mill-konvenut. F’dan il-kuntest ukoll din il-Qorti taddotta dak li kkonkludiet il-Perit Legali u taqbel li l-istess konvenut ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, oneru li kien jinkombi lilu.

Illi jinghad ukoll li minkejja d-diversi opportunitajiet li inghataw il-partijet ma gewx pprezentati valutazzjonijiet tal-vetturi Vann Toyota u Hyundai Accent liema vetturi jinstabu t-tnejn prezentement fil-pussess tal-konvenut. Illi l-vann qed jigi wzat mill-konvenut tul l-ezercizzju tal-xoghol tieghu u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ghandu jigi assenjat lilu.  Illi l-anqas ma giet pprezentata l-valur tal-kirja tad-dar matrimonjali jew il-valur li ghandu permess ta’ *fixed hawker*;

Illi l-attrici baqghet tghix fid-dar matrimonjali Block 1, Flat 5, Ta’ Ganza Housing Estate, Zejtun li hija mikrija. Minkejja li l-konvenut isostni li huwa gie mkecci mid-dar matrimonjali ghandu jigi rimarkat illi huwa ma ghamel ebda tentattiv sabiex jinforza d-dritt tieghu minkejja li l-ligi taghati lok ghar-rimedji sabiex dan id-dritt jigi salvagwardjat. Jigi ukoll rimarkat illi l-attrici ddikjarat li hi baqghet thallas il-kera ta’ din id-dar liema dikjarazzjoni ma gietx innegata mill-konvenut. L-istess kirja tad-dar imsemmija ghandha u qed tigi moghtija lill-attrici sabiex tghix fiha esklussivament bl-esklussjoni tal-konvenut.

Illi ghal dak li jirrigwarda mobbli parafernali jew krediti parafernali kif tajjeb irrilevat il-Perit Legali jigi osserrvat illi l-attrici ma resqet ebda prova li hija ghandha kreditu fil-konfront tal-kommunjoni jew mobbli taghha parafernali prezentement fil-pussess tal-konvenut. Min-nana l-ohra l-konvenut ipprezenta numru ta’ kuntratti sabiex isostni dak minnu allegat dwar il-kreditu parafernali tieghu liema kreditu jemani mill-frott ta’ bejgh ta’ proprjetajiet li huwa wiret minghand missieru u proprjeta` ohra tieghu parafernali li nbieghu tul iz-zwieg li jammonta ghal sitt elef

lira Maltin (Lm6,000) kif jirrizulta mis-segwenti dokumenti esebiti:-

- Is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,250) rikavat minn bejgh tal-fond 84, Sisters Street, Paola permezz ta' kuntratt ta' bejgh tat-12 ta' Dicembru 1992 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani (Dok "NB 24");

- Is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rikavat ta' bejgh ta' nofs (1/2) sehem indiviz tal-*garage* 170, Guza D' Amato Street, Rahal Gdid permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Settembru 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. George Cassar (Dok "NB 25");

- Is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rikavat minn bejgh ta' fond 94, Sisters Street, Paola permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 29 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. George Cassar (Dok "NB 26");

- Is-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) rikavat minn bejgh ta' fond 12, Triq it-Tarzna, Rahal Gdid permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 2 ta' Settembru 1992 fl-atti tan-nutar Dr. Joe Cilia (Dok "NB 27");

Illi ghal dak li jirrigwardja l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici jigi rilevat illi l-attrici ma tahdimx filwaqt li l-konvenut jahdem bhala *vegetable hawker* kif ukoll jidher li qed ifittex impjieg iehor minflok dak li ghandu. Illi l-konvenut sostna illi huwa qed ifittex impjieg mid-dokument tal-ETC minnu ezebit stess (Dok "CP 3") jirrizulta illi huwa *"in occupation seeking alternative jobs".* Inoltre, diversi xhieda kkonfermaw illi huwa ghadu jopera bhala *hawker*. Konsiderat il-fatt li l-konvenut hareg mid-dar matrimonjali u ghandu kirja ta' hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) fix-xahar mentri l-attrici qed tghix f'kirja ferm anqas ta' hmistax il-lira (Lm15) kull tlett xhur, illi m'hemmx manteniment dovut ghall-minuri din il-Qorti thoss li l-manteniment kif dekretat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha ghall-attrici

ghandu jigi kkonfermat b'dan li dan jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja annwalment.

Illi ma ngabux provi ta' dak kollu li l-konvenut u / jew l-attrici kisbu mill-parti l-ohra bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit.

Illi tilqa' t-tielet talba *in parte* u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu s-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha b'dan li tali manteniment jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja annwalment. Il-konvenut m'ghandux ikun obbligat ihallas manteniment ghall-minuri *stante* li huwa ghandu mpjieg;

Illi dwar il-hames talba tal-kontro-talba tal-konvenut tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti b'effett mid-data tas-sentenza u tordna l-bejgh in subbasta tal-proprjeta` mmobbli formanti parti l-istess kommunjoni u senjatament il-*garage* li jinstab 1, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, b'dan li mir-rikavat ta' l-istess il-konvenut l-ewwel jiehu l-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) rapprezentanti kreditu parafernali dovut lill-istess konvenut rikonvenzjonant kif fuq inghad u l-bilhanc mir-rikavat jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi apparti dan tassenja wkoll lill-konvenut *a saldu* ta' sehmu mill-kommunjoni tal-akkwisti, l-permess u licenzja ta' *fixed hawker*, il-vann Toyota, l-karozza Hyundai u l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) b'dan li kull depositu bankarju ezistenti f'isem il-partijiet jinqassam ukoll bin-nofs bejn il-partijiet, u kull parti zzomm dawk il-mobbli kollha l-ohra li attwalment jinsabu fil-pussess rispettiv tal-parti.

Illi apparti dak indikat fir-rigward ta' sehem l-attrici mill-bejgh tal-*garage* li jinsab 1, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, tassenja wkoll lill-attrici *a saldu* ta' sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti l-kirja tal-fond Block 1, Flat 5, Ta' Ganza Housing Estate, Zejtun; mobbli li jinstabu f'din l-istess dar valutati mill-attrici elf lira Maltin (Lm1,000); flus kontanti fl-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) b'dan li kull depositu bankarju ezistenti f'isem il-

partijiet jinqassam ukoll bin-nofs bejn il-partijiet, u kull parti zzomm dawk il-mobbli kollha l-ohra li attwalment jinsabu fil-pussess rispettiv tal-parti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tichad il-hames talba *stante* li ma hemmx bzonnha, tilqa' t-talba attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha fis-sens li din il-Qorti tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u li din sehhet minhabba li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' minacci, sevizzi, eccessi, theddid u ngurji gravi w adulterju u li kawza ta' l-istess, iz-zwieg bejn il-kontendenti ma' ghadhux aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment b'mod li l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli.

2. Illi din il-Qorti tilqa' din it-talba u tiddikjara wkoll illi l-attur huwa htija tal-firda ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk qed jigu applikati fil-konfront tieghu id-disposizzjoni kollha ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** inkluzi dawk indikati fit-tieni talba attrici.

3. Illi din it-talba ghandha tigi milqugha biss fil-kuntest ta' l-attrici b'dan li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu s-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha b'dan li tali manteniment jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja annwalment. Il-konvenut m'ghandux jkun obbligat ihallas manteniment ghall-minuri *stante* li huwa ghandu impjieg; tali manteniment ghandu jithallas kull hmistax bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici.

4. Illi tilqa' din it-talba takkorda l-kura u l-kustodja ta' kull wild li jista' jkun ghadu minuri fid-data tas-sentenza lill-attrici, b'dan li ghall-access mill-missier dan ghandu jsir

biss bil-kunsens ta’ l-istess wild li llum ghandu eta` sabiex jiddeciedi huwa.

5 Tichad din it-talba

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li ghandu jhallas ukoll id-drittijiet kollha w intieri tal-Perit Legali Dr. Ilona Debono kif attwalment intaxxati.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti**, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata ghall-istess kontro-talba in kwantu biss dawn huma b’xi mod nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, filwaqt li **tichad it-tielet, ir-raba’, s-sitt u seba’ talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu tilqa’ t-talbiet l-ohra tal-konvenut rikonvenzjonanti fil-kontro-talba tieghu, biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tilqa’ din it-talba tal-kontro-talba biss fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u din il-Qorti tiddikjara li din sehhet minhabba li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta’ minacci, sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi w adulterju u li kawza ta’ l-istess, iz-zwieg bejn il-kontendenti ma’ ghadhux aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment b’mod li l-konvivenza bejn il-partijiet ma’ ghadhiex aktar possibbli.

2. Tawtorizza lill-partijiet  jghixu separatament minn xulxin kif effettivament gja gara.

3. Tichad din it-talba *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Tichad din it-talba *stante* li l-**artikolu 48 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta gie applikat biss fil-konfront tal-konvenut innifsu.

5. Tilqa’ din il-hames talba tal-kontro-talba tal-konvenut u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti b’effett mid-data tas-sentenza u kwantu ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-istess tordna l-bejgh in subbasta tal-proprjeta` mmobli

formanti parti l-istess kommunjoni u senjatament il-*garage* li jinstab 1, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, b'dan li mir-rikavat ta' l-istess il-konvenut l-ewwel jiehu l-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) rapprezentanti kreditu parafernali dovut lill-istess konvenut rikonvenzjonant kif fuq inghad u l-bilhanc mir-rikavat jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi apparti dan tassenja wkoll lill-konvenut *a saldu* ta' sehmu mill-kommunjoni tal-akkwisti, l-permess u licenzja ta' *fixed hawker*, il-vann Toyota, l-karozza Hyundai u l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) b'dan li kull depositu bankarju ezistenti f'isem il-partijiet jinqasam ukoll bin-nofs bejn il-partijiet, u kull parti zzomm dawk il-mobbli kollha l-ohra li attwalment jinsabu fil-pussess rispettiv tal-parti.
Illi apparti dak indikat fir-rigward ta' sehem l-attrici mill-bjegh tal-*garage* li jinstab 1, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, tassenja wkoll lill-attrici *a saldu* ta' sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti l-kirja tal-fond Block 1, Flat 5, Ta' Ganza Housing Estate, Zejtun; mobbli li jinstabu f'din l-istess dar valutati mill-attrici elf lira Maltin (Lm1,000); flus kontanti fl-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) b'dan li kull depositu bankarju ezistenti f'isem il-partijiet jinqassam ukoll bin-nofs bejn il-partijiet, u kull parti zzomm dawk il-mobbli kollha l-ohra li attwalment jinsabu fil-pussess rispettiv tal-parti.

6. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

7. Tichad din it-talba *stante* li din il-Qorti tat id-dritt lill-attrici li tghix fil-fond Block 1, Flat 5, Ta' Ganza Housing Estate, Zejtun u dan ad esklussjoni tal-konvenut, li *in verita`* gja qed jghix band'ohra.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-istess konvenu

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------